# IL-KOMM. ALF. M. GALEA

Is-Sur Fons! M'hemmx isem ieħor aktar magħruf w aktar imweġġaħ minnu f'Malta kollha. Jafuh il-għonja u l-foqra, jafuh il-beltin u r-raħlin, jafuh iż-żgħar u l-kbar, jafuh il-ħaddiema u l-għorrief. Kulħadd kien jafu s-Sur Fons, kulħadd kien igħożżu, iweġġħu u jħobbu, u kulħadd bkieh meta massebħ tat-30 ta' Lulju xterdet l-aħbar ta' mewtu. U tħassarnieh u bkejnieh aħna wkoll, kittieba u ħbieb tal-Malti, għax fost il-ħedma, twila u sfiqa, tul ħajja ta' 80 sena, mhux l-inqas jew l-aħħar kienet il-kitba tal-Malti. Is-Sur Fons ħabb il-Malti minn qalbu, kiteb b'ħeġġa li qatt ma birdet, u ħabrek kemm felaħ għal tixrid il-Malti fost il-kotra, u għalhekk hu dmir tagħna li nfaħħruh kemm jistħoqqlu, u nfakkruh lil dawk li ma jafuhx biżżejjed, biex ismu jibqa' dejjem ħaj fostna jħeġġiġna, iwissina, iqawwina.

X'kiteb is-Sur Fons? Din l-ewwel mistoqsija li tiġi fuq ilsien kulħadd. X'kiteb? Min jista' jgħid! Anqas hu ma kien jaf. Darba għidtlu: "Sur Fons, irrid niġbor lista ta' kull ma ktibt bil-Malti; tista' tgħinni?" Tbissem u qalli: "U min jaf xi ktibt!" U tabilħaqq; kif seta' jiftakar x'kiteb ma' tul 50 sena, għax kien għad għandu xi 25 sena, qalli, meta beda jikteb bil-Malti

L-aktar li huma magħrufin huma l-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, ġemgħa ta' 150 ktieb miktubin minnu u oħrajn, u maħruġin bil-ħeġġa tiegħu. Minnhom 48 huma miktuba minnu barra minn kotra bla għadd ta' bċejjeċ żgħar miżjudin aktarx f'kull wieħed mill-150 ktieb. Meta ngħalqet dil-ġemgħa ta' kotba fis-sena 1915, is-Sur Fons beda jaħseb x'kotba oħra sa jibda joħroġ għall-ġid tal-poplu. Wara xi żmien ħsiebu waqa' fuq il-Kotba Mqaddsa u qaleb ħafna minnhom bil-Malti mis-sena 1926 sas-sena 1932. Fl-istess żmien kiteb ħafna kotba oħra msenslin mal-Kotba Mqaddsa, bħalma huma: *Żmien il-profeti* (1924), *Tagħlim ħafif fuq il-qari tal-Bibbja* (1932), *Tagħlim żgħir ieħor fuq il-Kotba tal-Bibbja* (1933), *Tagħlim ta Ġesù meħud mill-Vanġelu* u *Tagħlim tal-Appostli* (1934), *Ħajja ta' Kristu Iben ta' Alla* (1933), *Ġesù u l-Appostli tiegħu* (1938), *Minn Ħolqien id-Dinja sal-Miġja ta' Kristu* (1939). U ma' dawn il-kotba ta' fejda bla qies għall-ġid tar-ruħ inżidu oħrajn bħalma huma: *Ruħ ta' tfajjel* (1929), *Ħajja ta' Matt Talbot* (1930), *Dun Bosco Qaddis* (1934), *S. Viċens ta' Pawla* (1935), *San Ġwann Bosco* (1936), *Mikiel Wistin Pro* (1937), *Xrara minn tad-dija ta' Kristu* (1937), *Tiġina Saltnatek* (1938), *San Franġisk tal-Pjagi* (1939).

Is-Sur Fons mhux kittieb oriġinali. Il-biċċa l-kbira tal-kotba tiegħu huma traduzzjonijiet (1) jew taqsir ta' kotba b'ilsna oħra. Imma għalkemm traduttur, għandu x-xejra personali u letterarja tiegħu. Ma kienx jaf iħarref bħal A. Preca, ma kienx jaf isawwar novella bħal Temi Zammit, imma ħadd ma kien jaf daqsu jagħti libsa kollha kemm hi Maltija lill-kitba b'ilsien ieħor. Aqra liema ktieb trid minn tiegħu, u int ma tintebaħ qatt li hu maqlub minn ilsien ieħor, jekk ma jgħidlekx hu nnifsu. Din hi s-sengħa, li t-traduttur iżomm il-ħsieb tal-kittieb oriġinali u jagħtih dik il-libsa li l-aktar tixraq lill-ilsien tiegħu. U għalhekk is-Sur Fons nistgħu nqisuh bħala kittieb-traduttur, għal dak li huma ħsebijiet u bħala kittieb-oriġinali għal dik li hi forma letterarja, stil, għażla ta' kliem, xbihat.

Biex niżnu aktar bir-reqqa s-siwi tas-Sur Fons bħala kittieb, għandna nqisu l-għażla tas-suġġett, il-ħsebijiet li bihom imfisser, in-nisġa tal-ġrajja, l-għażla u r-rabta tal-kliem, it-tiżwiq tax-xbihat; il-ħajja u l-qawwa tal-espressjoni. Għidna diġà li s-Sur Fons mhux kittieb oriġinali, u għalhekk is-suġġetti li fuqhom jikteb mhumiex ġejjin minn moħħu. Ħaġa oħra, is-Sur Fons ma jiktebx għall-*għorrief*, imma għan-nies tax-xogħol, għal nies ta' tagħlim żgħir, għal nies li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti u li jixtiequ jaqraw xi ħaġa għall-ġid, u għalhekk ma għandux suġġetti *kbar* bħalma għandhom letteraturi kbar. Is-suġġetti li hu jagħżel minn kotba oħra jew huma tagħlim tar-ruħ, bħalma huma *Xrara minn tad-dija ta' Kristu* meħud mill-Franċis ta' Patri Raul Plus S.J., u ħajjiet ta' Qaddisin u rwieħ tajba, jew huma tagħlim meħtieġ għall-ħajja nisranija fid-dinja, bħalma huma*Muftieħ il-Ġenna* meħud mit-Taljan, *Mariroż* meħud mill-Ingliż, *Ix-Xiħ tal-Ħrejjef* mit-Taljan, *Il-Ltima ta' Tunes* mill-Franċis, u ħafna oħra. Biex ingħidu kollox, inżidu li xi suġġetti huma oriġinali għal kollox, bħalma huma *Qalb l-igmla u t-tamar*, *Fid-dar u fil-għalqa*, *Fix-xagħri u l-baħar*, *It-theżżiża ta' Messina*, *Fuq is-Swar tal-Isla*, u oħrajn.

Biex nifhmu aħjar is-sengħa tas-Sur Fons bħala kittieb nibdew mill-kotba oriġinali. L-aqwa ġmiel tagħhom hija s-sempliċità, dik il-ħabta li tfisser ħsiebek bi kliem magħżul u ħafif, bi kliem xieraq imma li joħroġ waħdu bla ebda taħbit jew tqanżiħ, bi kliem sabiħ li jogħġob, imma bla tlellix li jgħammex. Kliem żejjed xejn; kliem li jolqot biss il-fantasija u ma jmissx il-qalb ma għandux. Kollox taraħ ħajj quddiemek u tħossu jidħol f'moħħok u f'qalbek. Għax ma għandniex ninsew li s-Sur Fons kien imrawwem sewwa fil-letteraturi

(1) Bħala kittieb is-Sur Fons jingħadd mat-tradutturi. Fil-*Malta Cananea* ta' A. Preca, faċċ. 767 u 768 hemm lista twila ta' kotba maqlubin bit-Taljan mis-Sur Fons.

barranin, u minnhom ħa dik ix-xejra letterarja li tħossha fil-kitba tiegħu kollha.

U din ix-xejra letterarja nħossuha wkoll fit-tradużżjonijiet. It-traduzzjonijiet tas-Sur Fons jitqassmu fi tliet taqsimiet: l-ewwel, it-traduzzjonijiet tal-Kotba Mqaddsa; it-tieni, traduzzjonijiet ta' kotba oħra bħal *Ħajja ta' Kristu Iben ta' Alla*, *Xrara minn tad-dija ta' Kristu*, *Mikiel Wistin Pro*, u ħafna oħra; it-tielet, kotba meħudin minn kotba oħra, mhux kelma b'kelma, imma b'xi taqsir u tibdil. Fit-traduzzjonijiet tal-Bibbja l-ħsieb tal-kittieb imqaddes hu mfisser dejjem safi safi u bi kliem xieraq u magħżul, imma, s-Sur Fons donnu ma jafx joqgħod għall-kelma li għandu quddiemu. Minn hawn u minn hemm ifittex idawwarha, iqallibha, ibiddilha sa kemm issir togħġbu aktar, iżda bla ma jmiss qatt il-ħsieb tal-kittieb. Biss xi drabi ma rnexxilux jagħtiha l-ħeffa li ried, u għalhekk 'l hawn u 'l hemm jinħass xi ftit tqil u mqammat. Fit-traduzzjonijiet tat-tieni taqsima jħossu aktar ħieles. Bla ma jitbiegħed mis-sens oriġinali, jaf lil das-sens jagħtih kisja li taqbel mal-lsien Malti. Kelma b'kelma ma jimxi qatt. Jemmen sħiħ fil-prinċipju li kull ilsien għandu r-regoli tiegħu, għandu l-bixra tiegħu, u li l-ebda traduzzjoni ma tista' tkun tajba jekk ma tkunx taqbel mal-bixra tal-ilsien tagħha. Aqra liema traduzzjoni trid minn tiegħu, mill-Ingliż, mill-Franċiż, mit-Taljan, u ara għandekx ħila tintebaħ minn liema lsien ġejja, mhux biss, imma ara għandekx ħila tintebaħ li hi traduzzjoni u mhux kitba oriġinali. Bħala traduttur is-Sur Fons għandu post mill-ogħla fil-letteratura tagħna, u jagħmlu tajjeb iż-żgħażagħ jitħarrġu fil-kitba tiegħu. It-traduzzjonijiet tat-tieliet taqsima bil-kemm nistgħu ngħidulhom traduzjonijiet għaliex barra mill-ġrajja li jirrakkontaw, kollox ġej mill-kittieb Malti, u għalhekk fihom insibu l-istess kwalitajiet tal-kitba oriġinali, jiġifieri, kliem magħżul, imma bla tiftix żejjed, stil ħafif, mexxej, ħaj, mingħajr kliem żejjed u xbihat fiergħa.

Ħaġa waħda tidher iddellel ftit isem dan il-kittieb kbir. Għaliex qatt ma kiteb bl-ortografija tal-Għaqda? Il-għala jafu hu. Aħna biss nistgħu ngħidu, għax smajnieh bosta drabi minn fommu, li l-ortografija l-ġdida kienet togħġbu u kien iħobbha, imma, kien igħid, "daqs kemm ktibt bil-Malti, idi nħossha ibbieset u ma nistax indawwarha biex nikteb b'ortografija oħra. U, terġa' jien illum xjeħt biex nibda nitgħallem ortografija oħra." U ma tlumux, għax meta l-Għaqda ħarġet it-*Tagħrif*, is-Sur Fons kellu 63 sena, u meta l-ortografija l-ġdida daħlet fl-iskejjel kien qabeż is-70. Imma moħħu kien dejjem nadif mill-għanqbut li bih kien mimli moħħ x'uħud.

Ma rridx nagħlaq dawn l-erba' kelmiet qabel ma nżid kelma oħra fuq is-Sur Fons bħala kittieb. Nafu bejn wieħed u ieħor x'kiteb, nafu kif kiteb; imma ma għidniex għaliex kiteb. Nistgħu ngħiduh fil-qosor. Il-kitba bil-Malti tas-Sur Fons

ġejja mill-imħabba kbira u qaddisa li kellu lejn Alla u lejn għajru. Kien iħobb 'l Alla b'qalbu kollha u kien jixtieq li kulħadd iħobbu. Ħajja tajba hija l-ewwel pass fit-triq tal-imħabba ta' Alla. U biex igħin il-Maltin jimxu fit-triq it-tajba tahom, l-aktar lil dawk li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti, kotra ta' kotba sbieħ issa fuq il-ħajja ta' Kristu, ta' Qaddisin u ta' erwieħ tajba, issa fuq stejjer, rakkonti, ġrajja li jħallulek kollha togħma ta' tagħlim tajjeb. Qatt ma fittex li jissemma jew jitfaħħar; il-qligħ anqas biss ma kien joħlom bih. Il-kotba aktar kien iqassamhom b'xejn milli jbigħhom, u għalhekk nistgħu naħsbu x'kemxa *telf* kien iħallilu kull ktieb. Biżżejjed ingħidu li l-ġemgħa "Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien" ħallietlu telf ta' mijiet ta' liri. Imma xinhu t-telf ta' ftit mijiet ta' liri ħdejn il-ġid li sar b'dawk il-kotba? Ma kienx jixtieq bil-kotba tiegħu ħlief li jagħmel il-ġid, u ħadd ma jlumna jekk nemmnu li xewqtu kienet mitmuma.

Is-Sur Fons jibqa' jissemma bħala raġel qaddis li għâx u ħadem biss għall-imħabba ta' Alla u ta' għajru.

P. P. Saydon.